***Kunsill Lokali Marsaskala***
Ġnien Sant'Anna, Pjazza Dun Tarċis Aguis, Marsaskala
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 53**

**It-Tlieta 22 t'Awwissu 2023.**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala għamel din is-seduta online u anke mill-Kunsill (live streamed) fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
John Schembri – Kunsillier
Janice Falzon – Viċi Sindku
Charlot Mifsud – Kunsillier
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Mary Rose Mifsud- Kunsillier
Errol Cutajar – Kunsillier
Ryan Portelli- Kunsillier
Patrick Camilleri-Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

**53.1** ***Qari t'aploġija:***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**53.2** ***Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti: Laqgħa 51 li saret Nhar it-Tnejn 26 ta' Ġunju 2023:***

**53.2.1** ***Korrezzjoni tal-Minuti:***

**53.2.1.1** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi paġna 2 artiklu 52.1 għandu jinbidel u jsir kif ġej:

''Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi kien hemm ittri t'apoloġija tal-Kunsillier Dr Patrick Camilleri.''

**53.2.1.2** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 3 artiklu 52.2.2.8 artiklu 4 għandu jizdied miegħu dan li ġej:

''Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li ilu jitlob sabiex jkun jaf fix ħin jkun hemm il-kennies u huwa anke lest isegwijom. Huwa zied jgħid li la l-contracts manager qed jgħatijom id-default notices sinjal li qed jgħamel xogħolu u allura il-kaz huwa magħluq.''

- Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar daħal għal laqgħa fis-6:22pm

**53.2.1.3** **Il-minuti ġew unanimament approvati hekk kif emendati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-approvazzjoni tal-minuti bħala dokument korrett u ssekonda l-Perit John Schembri. Il-votazzjoni kienet 6 favur, 0 kontra, 1 astenzjoni.

**53.2.2** ***Matters Arising tal-laqgħa 52 li saret Nhar il-Ħamis 27 ta' Lulju 2023.***

**53.2.2.1** Is-Sindku staqsa fuq paġna 2 artiklu 53.2.2.1 jekk kellnix risposta mill-Ministeru fuq is-servizz tas-silver t.

Is-Segretarju Ezekuttiv infurmah illi għad m'għaniex risposta.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi hu tkellem mad-Dipartiment u spjegalhom illi dak li qed nipprovaw nagħmlu hu xi ħaġa ta' kontinwita' għaliex fil-Kunsilli lokali lohra dan il-van qed jigi operat mill-ħaddiema tal komunita u meta jkun sick jew leave ifisser li ma jkolokx servizz u jekk l-individu jitlaq f'nofsinhar mhux ser ikolok servizz.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi kieku konna nafu x'għej ma konniex nidħlu għal dan il-piz imma la issa ġibna dan il-van irridu ngħatu dan is-servizz.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi min naħa tal-Kunsill bgħatna l-informazzjoni kollha lid-Dipartiment pero huma iridu li nibgħatu dokumenti li juru li qed jingħata servizz sabiex inkunu nistgħu nieħdu l-fondi.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi tajjeb li nkellmu lis-Silver T.

**53.2.2.2** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq artiklu 52.2.2.7 paġna 3

- ***Il-Kunsillier is-Sinjura Mary rose Mifsud daħlet fil-laqgħa fid-6:30pm.***

**53.2.2.3** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq paġna 3 artiklu 52.2.2.7 qal illi ser ikollna *talent show* mill-isbaħ fil-lokal u hemm diġa 450 biljetti ibukkjati.

**53.2.2.4** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi l-aveniment tal-Karnival kien ta' suċċess.

**53.2.2.5** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi għandu laqgħa fuq l-inizjattiva ta' *circulation bus* fil-lokalita' ta' Marsaskala flimkien mall-Kunsillier is-Sur John B Camilleri u TM fejn sejrin ġo l-uffiċini tal-AKL.

**53.2.2.6** Is-Sindku tkellem fuq paġna 4 artiklu 52.3.2 fejn qal illi saret id-dog friendly beach in-naħa tal-Munxar pero l-Kunsill qed jirċievi ħafna ilmenti li ma hemmx min fejn jinzlu u għalhekk tajjeb li niktbu lis-Segretarju tal-Aqua Kultura biex naraw jekk jistax isir aċċess aħjar għal min imur bil-pets tiegħu.

**53.2.2.7** Is-Sindku tkellem fuq paġna 4 artiklu 52.3.4 qal illi l-quddies ser tkun fit-8:00~~pm~~ am qabel l-attivitajiet imsemmija.

**53.2.2.8** Is-Sindku tkellem fuq artiklu 52.3.6 paġna 4 fejn qal illi ser jiġu rapprezentanti mill-Inspire sabiex jgħamlu fund raising waqt it-talent show li ser isir.

**53.2.2.9** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq paġna 52.3.9 attenda mall-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud u l-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli għal pusses tal-Kappillan Fr Luke u l-pusses ta' Fr Roderick huwa fis-27 t'Awwissu f'ħaz Zabbar.

**53.2.2.10** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi paġna 7 artiklu 52.7.6 tkellem rigward il-caravans qal illi tajjeb jispjega x'ġara u għaliex l-aħħar darba kien hemm qbil li jipprovaw erba campers in-naħa tal-fajtata pero meta ġejna biex natwawa biex ikun hemm tlett parkeġġi għal kampers konna ser ineħħu tmien parkeġġi tal-karozzi allura hu ħass li kienet ħa tiswa ta' deni flok ta ġid. Xi ġimgħa ilu kellu laqgħa mall-Ministru Owen Bonnici u ma xi rapprezentanti oħra tal-karavans u meta tkellmu fuq din il-problema fehmu u ftehmu fuq sit ieħor u marru fuq il-post u minkejja li ma kinux ser ikunu eyesore huma qalulu illi peresli kienet għan nizla t-triq magħzula l-kamper ma joqgħodx tajjeb. Il-Ministru Bonnici qal illi mqar ikun hemm erba jew ħamsa kif tidħol fl-inwadar dejjem bl-approvazjoni tal-Ministru Dalli u Sur Steve Borg u s-Sur Steve Ellul u sa issa ma hemmx risposta.

Pero jekk din tgħaddi din tkun min Ġunju sa Settembru €5 kull ġurnata u massimu ta' mhux aktar min tlett tijim pero tista tagħmel aktar jekk ma jkunx hemm oġġezzjoni.

**53.2.2.11** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkkelem fuq paġna 7 artiklu 52.8.2 u qal illi l-funtana ta' Ġnien Sant Anna ser titkompla dalwaqt.

**53.2.2.12** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 4 artiklu 52.3.8 qal illi hu ser jiprova jgħati sehmu u jipparteċipa pero xtaq iqajjem punt fejn ħafna postijiet fuq il-promenade hemm madum li ttiekel u spiċċa u hemm ċerta bins spiċċuti u hemm bins ġodda, ir-railing kollu ħazin u hemm dwal li vera qiegħed fi stat gravi u l-punt huwa li jekk iridu jintefqu amont ta flus għaliex ma ndurux dawn l-affarijiet għaliex ma tgħamilx sens li nbidlu l-fanali u r-railing u nħallu l-kumplament kif inhu.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi z-Zonqor u ħdejn l-eks Jerma huma l-għar tnejn u li qed jgħid hu kien li ssir area sħiħa.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi meta iddiskutew il-proposal brief miegħu l-għan kien illi jinbidlu l-lanterni kollha min ħdejn il-pixxina sa ħdejn l-eks Jerma, jinbidlu l bankijiet kollha, jinbidel ir-railing kollu li jinsab kollu fi stat ħazin minbarra ħdejn id dar il-ħamra iġifieri hemm ħafna spejjez u meta qalilom li ser jinvolvi lil Kunsillier is-Sur John B Camilleri kien sabiex jara x'kienet l-aħjar għazla għad-dwal tal-post u mhux biex jinbidel xi pjan offrut.

Il Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi l-intenzjoni tiegħu hi li jagħti suġġerimenti għal ġid tal-lokal.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi ma jridx jitfa l-ġebla fuq saqajh billi jgħidilhom li hemm bzonn affarijiet oħra li mhumiex fil-proposal brief.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi ser jiltaqgħu mall-Perit Janice Borg għaliex ser ikun hemm xi flus oħra ivvutati għal proġetti oħra.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi teknikament tgħamel aktar sens li dawn l-affarijiet jitwaħħlu fuq bazi tajba.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi s-sotto bank ser jinbidel għax iddeterjot kollu.

Il-Kunsilier is-Sur John B Camilleri qal illi f'Zonqor l-art qed tixpakka u l-arbli qed jaqgħu.

Is-Sindku qal illi hu ħaseb li qed jgħid għal paviment tal-promenade pero fil-verita s-sotto bank ser jittranġa.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi apparti s-sotto bank hemm anke l-pavimentar pero jekk jissewwa s-sottobank tkun saret biċċa xogħol tajba diga.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal illi min Zonqor il-ġewwa kollu jrid jinqala u bil-budget li hemm vera ser isir ftit xogħol u anke it-triq għaliex jiddubita jekk sarux studju riċentament fuq it-toroq tal-madwar għaliex aħna qed nesperjenzaw l-madum jgħola u l-problema tkun qed iċeddi biċċa mit-triq.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi meta terġa tinbena l-eks Jerma l-pavimentar bilfors irid isir.

**53.2.2.13** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 4 artiklu 50.3.7 fejn qal illi hu ra ftit cirkulari li kienet intbgħatet mid-Dipartiment fejn telenka x-xogħolijiet li jistgħu jsiru mill-ħaddiema tal-Komunita' u mhux qed jgħidli jridu jgħamlu bilfors dan ix-xogħol pero jekk insibu ftehim ma dawn il-ħaddiema jista anke jkollom ċans ta' aktar overtime.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi l-ħaddiema tagħna diġa jagħmlu dan ix-xogħol, għaliex għandna min jieħu ħsieb in-noticeboards min juza l-van u jagħmel xogħolijiet fit-toroq , min jaħdem fil-ġnien. Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi jeħtieġ aktar dixxiplina magħhom pero l-Kunsill kull mhu qed iħallas hu ftit performance bonus darba fis-sena biex jgħamilha ċara li l-Kunsill mhux joħroġ pagi u hu jħoss li m'għandniex nitfaw lil kulħadd f'keffa waħda u dik il-lista tajjeb li tkun f'idejna għal meta jkun hemm xi problema ma xi ħaddiem.

**53.2.2.14** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi fl-aħħar laqgħa ġibed l-attenzjoni fuq il-pagament taz-zebgħa u qed jinnota illi qed jinxtraw landi zgħar taz-zeba fejn dawn ikunu jiswew ħafna aktar milli kieku tixtri landa kbira u tqassama u jħoss li dan hu nfieq zejjed u qed nonfqu €30 f'kull landa izjed.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi dan irid ikun pjanat biex l-amministrazzjoni ikunu jistgħu jixtru mingħand il kumpanija u mhux mingħand Ironmongery.

**53.2.2.15** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi anke jekk ser nixtruwhom mingħand l-Ironmongery nistgħu nixtruhom kbar u mhux laned zgħar.

**53.3 Komunikazzjoni mis-Sindku:**

**53.3.1 Ċirkulari 15 tal-2023 Seduta Parlamentari taz-Zgħazagħ (35/3282/23/I):**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi flimkien mall-Kunsilliera intagħzel z-zagħzugħ ta' 15-il sena bl-isem ta Nicholas Mangion.

Kien hemm qbil dwar dan.

**53.3.2 SPI/SCI/5/2023 Appendiċi 1 (35/3375/23/I):**

Kien hemm qbil li ma napplikawx għal din l-iskema.

**53.3.3 Attivitajiet Milied 2023 (35/3383/23/I):**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi z-zmien dieħel u hemm bżonn li jibdew jiltaqgħu l-bord.

Is-Sindku qal illi kellna żewġ attivitajiet kbar u issa jmiss li naħdmu fuq din l-attivita'.

**53.3.4 European week for waste reduction 2023 (35/3386/23/I):**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi din hija skema sabiex nieħdu sehem fiha però ser jiddiskutuwa aktar il-quddiem peres li għad fadal biżżejjed żmien.

**53.3.5 Proġett Caritas Malta PAVE 18 proposal collaboration Project details local Council:**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal hu ġieli ħaddem mal-Caritas u jemmen li jagħmlu ħafna ġid u hu interessat u anke l-Kunsilliera Mary Rose Mifsud u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud.

**53.3.6 Zonqor Housing estate (35/3393/23/I):**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi jidhirlu li l-Kunsill diġà kien applika għal Traffic calmer f'din it-triq però jaħseb li tajjeb li nibgħatu lil TM għaliex vera hemm bżonn ta' calmer f'din it-triq.

Il-Kunsillier i john qal illi rigward gradient tajjeb li jkun skond l-istandard ta TM.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi dik importanti ħafna għaliex hekk ma jkolnix problemi mar-residenti.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi TM approvaw road hump fi Triq il-Blajjiet qabel Triq is-Sdieri, u hemmhekk kien qed ikollna ilmenti li kien qed isir sewqan perikoluż.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi fl-opinjoni tiegħu napplikaw għal oħra.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi l-iskop li kella issir fi Triq is-Sdieri mhuwiex l-istess skop għal dik li trid issir ħdejn il-bini għalhekk tajjeb li napplikaw għal oħra, però jibza li jekk ser ikollna waħda ma jagħtunix approvazzjoni għal oħra.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal tajjeb li ma tkunx fil-bini fejn idejjaq lin-nies.

Kien hemm qbil li napplikaw għal road hump oħra.

*Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon daħlet għal laqgħa fis-7:22pm*

**53.3.7** **Damages in car in Triq l-Iskal (35/3358/23/O):**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi din il-claim trid tgħaddi għand Infrastructure Malta għaliex dawn ix-xogħolijiet saru min naħa tagħhom.

**53.3.8** **Alliance Launch ceremony invitation (35/3369/23/I):**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi jħoss li tajjeb nidħlu f'din l-inizjattiva speċjalment issa li għandna ġemellaġġ maċ-Ċina.

**53.3.9** **Pedestrian pole infront of villa (35/3345/23/I):**

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa min ta l-approvazzjoni biex dan l-indiviwu jneħħi l-arblu.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi hu jisimpatizza ma dan il-persuna li għandu familjari tiegħu morda però hemm ħafna metodi x'seta uza aktar milli qabad u neħħa dan l-arblu hu dan ukoll għax tajjeb tara is-safety u l-flus involuti qabel ma issir xi ħaġa bħal din. Pedestrian crossing qeda fit-tarf tal-bankina hemm *construction build out* ukoll u aħna m'aħniex nitkellmu fuq *noise pollution*, dan il-globu huwa isfar skur qiegħed apposta biex ma jdejjaq lil ħadd skond il-liġijiet tal-EU biex ikollu l-inqas impatt biex ma jdejjaqx lin-nies.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi din id-dar hija kbira immens u jekk ħa tmexxi din il-*pedestrian crossing* trid tmexxija ħafna bix taqbeż din id-dar.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi tajjeb li l-Kunsillier is-Sur John B Camilleri li hu l-persuna responsabbli mill-enerġija jikkomunika miegħu u jilħqu ftehim.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal l-unika ħaġa li jinkwieta hi li jkun hemm xi aċċident u jeħel il-Kunsill.

Kien hemm qbil li ssir laqgħa ma dan ir-resident u l-Kunsillier is-Sur John B Camilleri.

**53.3.10** **Bouncy castle permit (35/3355/23/O):**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi f'dan il-kaz hemm playingfield li hu free of charge imma dan il-bouncy castle huwa bil-flus u ma jħossx li huwa sew.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi kull min dejjem rama qatt ma dħalna fil-mertu jekk hux b'xejn jew bil-flus però jidher li din tridu għal tul ta żmien.

Kien hemm qbil li ma jingħatax il-permess.

**53.3.11** **Attivitajiet tal-festa:**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi hu flimkien mall-Kunsilliera attendew għal ħafna attivitajiet magħrbutin mall-festa.

**53.3.12** **Laqgħa SEM:**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi attenda għal laqgħa tal-SEM fuq it TV biex nispjegaw li ser napplikaw għal fondi tal-AGM.

**53.3.12 Prima messa ta Fr Gillian:**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja spjega kif hu flimkien mall-Kunsilliera attendew għal Prima messa ta' Fr Gillian.

**53.3.13 Inwadar:**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja spjega kif kellu laqgħat fuq l-inwadar.

**53.3.14 4 rikonoxximenti jum mskala:**

Kien hemm vot sigriet bejn il-Kunsilliera kollha rigward l-4 rikonoxximent f'Jum il-Lokal, kien hemm qbil unanimu. Isimijiet jissemmew fil-laqgħa li ġejja.

**53.3.15 Laqgħa mall-Pulizija:**

Laqgħa mall-Pulizija fuq diversion tat-traffik f'Jum il-Karnival tas-sajf.

**53.3.16 Konferenza stampa rigward il-Karnival:**

Konferenza stampa ġewwa l-MUZA il-Belt biex ġie varat il-Karnival tas-sajf.

**53.3.17 Laqgħa mas-Sinjura Graziella Cavlan:**

Kien hemm laqgħa oħra mas-Sinjura Cavlan rigward il-proġett ''Allotted pieces of lands'' fejn din ħarġet fil-midja soċjali u jidher min hemm interessat jekk xi ħadd jaf b'xi ħadd interessat tajjeb li jinfurmah.

**53.3.18 Laqgħa ta' konsultazzjoni:**

Is-Sindku qal illi kien hemm laqgħa ta' konsultazzjoni f'Birzebbuġja min naħa tal-GAL Xlokk. Ġie diskuss kif kull lokal jista jkollu ħajja aħjar.

**53.3.19 Laqgha mal kuntrattur tal iskart:**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi kellhom diskussjoni għaliex il-kuntrattur qal illi fil kuntrattur ghandu mniżżel illi jek jara skart li ma jkunx fejn id djar ma riedx jiġbru u hu spjegali li dsak huwa kummerċjali u dak ikun persuna li ma jkunx irid liskart wara l bieb u titfaw post ieħor però jidher li kien hemm fehim, qal li l-għar post kien ta ħdejn villa sant anna però jider li mill gimgha id dihlla ser titranġa is-sitwazzjoni.

**53.3.20 Project Green:**

Mario qal Project Green bdew idawru kullimkien bil-fencing fejn ma kienx hawn fi Ġnien Sant Anna.

**53.3.21 BCRS**

Mario qal illi kellna ħafna ilmenti għal bcrs li hemm taħt il-knisja però trid issir relocation minħabba li hemm ħafna ħmieġ fil-mument u hu jħoss illi l-aħjar inmexxuha għal Triq l-Iskal ħdejn il-BIS għaliex jekk issir ħdejn il-pixxin ser tiġi abbużata.

John qal dik li hemm san Tumas hemm intejjen kbar.

Janice qalet illi it-tapijiet kulħadd jarmi ma l-art, il-flixken li ma jinġabrux jintefaw ġol baħar u taħseb li tajjeb issir skip żgħira.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi tkun fej tkun tajjeb li titfnaddaf għaliex ikun hemm intejjen kbar.

Kien hemm qbil li tiġi relokata il-BCRS min taħt il-knisja għal Triql il-Blajjiet fejn hu mgħammar bis-CCTV.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi waħda mill-problemi li qed ikollna fil-lokal hi l-BIS ta' ħdejn Villa Sant Anna li l-għada li jitbattlu l-għada qed ikunu mfawrin u allura hemm bżonn li jitbattlu aktar spiss.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi nistgħu nziedu kennies għal dan ix-xogħol.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi din iddum tlett tijiem mfawra u jekk m'għaniex kapaċi nzommuha allura naqbdu u n-neħħuha.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi dawk biss qed ikunu abbuzati.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-BIS suppost jitbattlu mhux aktar minn darbtejn fil-ġimgħa.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi waħda mill-problemi hija li l-ħwienet bil-kuntratt il-ġdid ma jistgħux jiddisponu mill-kartun però ma jistax jifhem li skema bħal Green MT ma tistgħux iżżid il-frekwenza tal-ġbir tal-kartun.

Is-Sindku qal illi qed jinġabar darbtejn kuljum il-Wasteserv però l-organiku kulħadd għandu kollettur privat.

**53.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera:**

**Mistoqsija 028 (22/8/23) mressqa mill-Kunsillier Dr Patrick Camilleri:**

*''Nixtieq nkun naf jekk sarx xi progress rigward il-proposta li jiġu rranġati l-lights fi Triq Sant Antnin ħdejn ir-razzett tal-ħbiberija u l-proposta li tiġi miżbugħa t-triq fejn Triq il-Gemmugħa tiżboq ġo Triq Sant Antnin.*

*Illum kien hemm ħabta oħra hemm, it-tieni waħda f'xahar, u dan li rajt jien. L-amont ta' traffiku ħiereġ kontinwament minn Bella vista wiegħed dejjem jiżdied u nħoss li din għandha tiġi diskussa u solvuta kemm jista jkun malajr."*

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi hu tkellem ma TM u qal illi talabhom jiffukaw fuq Triq iz-Zafran u jidher li tawna approvazzjoni għal tlett xhur bħala trial u qalulu li hu jippreferi proġett ħolistiku sħiħ min Bella Vista sa Triq Sant Antnin.

Il-Kunsillier is-Sur Partick Camilleri qal illi din saret ta' inkonvenjenza biex toħorġ għal main road u ikun hemm Traffic jam kbir u ma tkunx tista toħroġ b'xejn.

Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi xi xhar u nofs ilu marru TM u saqsa lis-Sur Jonathan borg ic-CEO il-ġdid kif ukoll is-Sur Michael Cohen u staqsih fiex wasal il-proġett għal Triq il-Gemmugħa u Triq Sant Antnin u qalulu li ilu fil-pipeline ħafna però ma ġiex implimentat iġifieri qed jaħdmu fuqu.

Il-Kunsillier is-Sur Patrick Camilleri qal illi jekk issir one way system xorta hemm il problema kif ha toħroġ fil main road.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi ser jibgħat TM sabiex jikjarifika li għandna bżonn xorta soluzzjoni għal problema li qed tinħoloq għal dawk li ġejjien min Triq il-Ġemmugħa għal Triq Sant Antnin.

**53.5** **Rapporti:**

**53.5.1** **KLM 2023/04 Service Tender for the Professional Services of an Architect to Marsaskala Local Council:**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-*adjudication board* evalwaw it-tenders kien hemm 6 offerti fejn tnejn minnhom kienu administratevly non compliant u batnilhom request for rectification però ma irispondewx u l-iħor kien financially non compliant għax ħa żball fil-bid u kkonferma li s-servizz ma setax itijulna bla ħlas. Min naħa l-oħra kien hemm tlieta li huma technically, financially and administratevly compliant u l-irħas offerta kienet tad-Design Technical resources , it-tieni l-orħos tal-Perit William Lewis u t-tielet l-orħos tal-Arc Studio.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi x-xogħolijiet li beda l-Perit William Lewis ser jibqgħu taħt il-Perit William Lewis. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l -proġett tal-*one way system* jista jibdih il-Perit il- ġdid.

**53.7** ***Korrispondenza:***

**53.7.1** **Beach clean up request (35/3295/23/I):**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi tajjeb li kieku namalgamaw il-World Clean up ma din.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi dawn qed jitolbu beach clean up però sa dak iz-zmien ikun għaddha is-sajf u ser tkun irrelevanti. Il-Kunsillier john qal illi hemm biċċa area quddiem l-iskola primarja Sant Anna fejn hemm il-ħarruba maġenb ta' monita hemm ħafna ħmieġ.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi dik hija propjeta tal-knisja u jekk ser inaddfuha irridu nkellmu l-Kappillan.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi z-zona tal-Knisja hi tal-kurja u mhux tal-Kappillan.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi l-Kappillan jista jkellem il-kurja hu dan ser ngħamlu xi ħaġa ta' ġid.

Is-Segretarju Ezeuttiv is-Sur Josef Grech qal illi anke meta konna ser inħawlu siġar taz-zebbuġ ukoll spiċċajna qas stajna nagħmluha.

Il-Kunsillier Dr Errol qal noqgħodu attenti li ma nikrejawx preċedenti għal postijiet oħra privati u jippretendu li l-Kunsill jnaddaf hu.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi nistgħu nipproponu allura Triq is-Salini taħt il-vilel.

**53.7.2** **Minutes of 15/7/23 (35/3031/23/I):**

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi dawn huma minuti tal-laqgħa li kellu s-sottokumitat. Hu qal illi hawn ħafna barranin li għandhom bżonn post fejn joperaw f'Marsaskala fejn dawn ikunu jistgħu jużaw il-laptops tagħhom u jħallsu tal-post li qed jaħdmu minnu jissejjaħ *coworking space.*

Il-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud saqsiet jekk il-kazin tal-banda jkunx post addattat.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi jrid ikun hemm spazju fejn jużaw ilaptops, internet u forsi xi bar fejn jistgħu jieħdu cafe.

Il-Kunsillier is-Sżinjura Mary rose Mifsud qalet li taħseb li hemm kollox fil-kazin.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi ser iġib il-kundizzjonijiet kollha li għandu u jsaqsi lill-kazin tal-banda u fil-frattemp jekk xi ħadd jaf xi post ieħor jinfurmah.

**53.7.3 <u>Minutes 3/6/23 (35/3032/23/I):</u>**

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi dawn huma minuti tal-laqgħa li kellu s-sottokumitat.

**53.7.4 <u>Skema fondi Proġetti Kapitali (35/3168/23/I):</u>**

Is-seg qal illi konna aplikajna qabel ma bena l kunsill u kona ibenefikajna 175,00 85% taghhom ingħataw bil-quddiem u jonqos 11,250.00 pero meta ġejna biex nikonkludu fuq il proġett talbuna li jkollna dokumentazzjoni jew mil awditur jew mill accountant li juri l process tat tender li nħareg mill kunsill kien inregola mal public Procurement regulations però l-accountant tal-Kunsill kif ukoll l-awditur ma jridux jgħamlu dan ir-rapport u hu ilu xahrejn jitkjellem mad dipartiment u jidher li hemm kunsill ieħor li ghandu din ilproblema u qed nisriskjaw li nitilfu l fondi kollha. Ghandna dateline sa 28 t'awwissu u jalla li sa jumejn oħra isib mezz ta' kif jibgħata mingħand xi ħadd li lest li jagħmilha.

**53.7.5 <u>Caravans/Campers (35/2841/23/I):</u>**

Dan il-punt ġie diskuss diġà.

**53.7.6 <u>Objection PA 03995/23:</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-Kunsill bagħat l-oġġezzjoni tiegħu kif ukoll endorsja l-oġġezzjoni tar-residenti.

**53.7.7 <u>Dar Velazquez Porposed Embellishment of public spaces (35/3253/23/I):</u>**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi ħdejn il-bankina hemm pied line abjad u qed jisuġerrixxi li un/loading tiġi in-naħa tax-xellug u tiġi ma Sqaq San Ġwakkin u hu qal li lest ukoll li iz-zewġ junctions bil-pjanti hu lest li jgħatihom embellishment u jieħu ħsiebhom hu peres illi għandu l-B&B hemmhekk u jħoss li tkun idea tajba u min naħa tal-Kunsill mhux ser jidħlu fi spejjez.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi hu jista juża l-endorsement tal-Kunsill biex imbad iġib il-permessi neċessarji. Għaliex ma jridx li nidħlu f'kumplikazjonijiet legali allura dan għandu jġib il-permessi neċessarji.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal illi jekk ngħatu *no objection* ma nistgħux noġezzjonaw.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal li tajjeb ngħadduha lil Perit tagħna qabel u wara parir tiegħu ngħamlu l-pass li jmiss.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi rigward l-un/loading ma tantx tagħmel differenza però jider li ser joħroġ il-barra mhux ħażin u taf taffettwa.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal illi hu qed jara li hija pass oltre għal imwejjed u siġġijiet. Għalhekk jaqbel li l-perit tagħna jtina parir tekniku.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi din żgur ser ikollha bżonn full *permit development.*

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal lli biex ikollna raġuni valida biex nogezzjonaw jew le l-aħjar nibgħatu l-Perit tal-Kunsill u jkollna bażi teknika.

Kien hemm qbil unanimu.

**53.7.8** **Request for Quotation in Triq il-Qaliet (35/3193/23/I):**

Is-Sindku qal illi Infrastructure Malta talbu survery lil Perit min ħdejn San Tumas sa ħdejn l-ankra u dan is-survey ġej jiswa €8,083.19 fejn dan wara jsir ix-xogħol min naħa ta' Infrastructure Malta u jħoss li għandna ngħamluh għaliex dan investiment għas-safety.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi dak l-ammont jaqbeż id-direct order u l-Perit tagħna irid iqabbad surveyor issa jekk jistgħu joħroġ il-pagament fuqu ma jkollnix problema mill-bqija ma nistgħux.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi z-zebgħa ta' ma l-art ser tkun thermal plastic u l-ispejjez li ħa jintefqu f'din it-triq huma ħafna aktar min da is-survery.

John qal illi hu jħoss li għandna bżonn nikomunikaw ma infrast malta u nsaqsuwom jekk dan is survey huwix worth it bdak il-prezz.

Sindku s sur mario Calleja qal illi ma jħossx li xi ħadd minnhom ~~hux~~ ser jmur kontra il-perit u jgħid li l-prezz huwa għoli jew baxx.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi jekk nġibu tlett stimi nkunu nistgħu ngħamluha.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi hu ma jistgħux jifhem kif dawn qed ituna proġett bħal dan umbgħad qed narawha bi kbira biex inħallsu għal dan is-survey.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi hemm prassi li irridu nimxu magħhom.

Il-Kunsillier is-Sinjura Mary rose Mifsud qalet illi nistgħu noħorġuwha bħala quote bl-EPPS.

**53.8** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti:**

**53.8.1** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta pagamenti b'urġenza:

Catbros Ltd - Plastering Works Ġnien San Tumas – 056/2023-€20,297.49
Perit William Lewis Proffesional fees -256/23 -€162.38
Ms Doreen Mintoff -Accountant 23-028,23-26,23-027 €1386.81
St John Ambulance and rescue- 2648-€ 210
Grupp armar parocca san anna karnival sajf 500.
Is-Sur Jake Borg road hump triq id-daħla ta' San Tumas 046/23 €2925.22irid ikun hemm ċertifikazzjoni tal-Perit qabel ma din titħallas.

***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ipprona l-approvazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier il-Perit John Schembri issekonda. Il-votazzjoni kienet 8 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.***

**53.9** **Mozzjonijiet:**

**53.9.1** **Mozzjoni mressqa mis-Sindku – is-Sur Mario Calleja u issekondata mis-Sindku (148 – 16/8/23):**

*"Jipproponi sabiex il-hump li saret tal-lakstu mit-TM wara li saret triq mill-ġdid fi Triq San Ġwakkin, tinqala u terġa ssir kif kienet qabel bit-tarmak.*

*Dan wara ħafna ilmenti minn residenti fl-akwata li qed tagħmel ħafna storbju speċjalment bil-lejl b'inkonvinjent ir-residenti fil-ħinijiet tal-mistrieħ tagħhom."*

Kien hemm qbil.

**53.9.2** **Mozzjonijiet:**

**Mozzjoni mressqa mis-Sindku – is-Sur Mario Calleja u issekondata mis-Sindku (149 – 20/8/23):**

"Jipproponi sabiex tiġi rilokata l-BCRS ta' ħdejn il-Knisja."

Tkellimnija diġà.

**53.10** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fit-9.30pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar it-Tnejn 18 ta' Settembru 2023 fis-6.00pm.

Ikkonfermat illum 16 t'Awwissu 2023.

***IFFIRMATI*** ***IFFIRMATI***

______________ ______________

**Josef Grech** **Mario Calleja**
**Segretarju Ezekuttiv** **Sindku**